MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2014

Avviz Numru. 50/2011

**Louis Farrugia**
**(ID 870552M)**

**vs**

**David Casha**
**(ID 357566M)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit 23 ta' Frar 2011 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallsu is-somma ta' erbat elef u mitejn ewro rappresentanti kwantu ghal elfejn tlett mija u tletin self u l-bilanc valur ta' xoghol maghmul mir-rikorrenti lill-itnimat.

Rat l-eccezjonjiet ta' l-intimat ippresentati fit 30 ta' Marzu 2011 fejn stqarr illi l-partijiet kellhom negozju flimkien li spicca u, meta n-negozju spicca, ir-rikorrenti hallsu is-somma ta' erbatax-il elf ghas-saldu ta' kull pretenzjoni relatata man-negozju u ghalhekk, peress illi l-

ammonti pretizi huma relatati man-negozju, huwa ma kellu ebda flus ohra xi jhallas lir-rikorrent.

Semghet ix-xhieda ta’ **Louis Farrugia** moghtija fil 5 ta’ Ottubru 2012, fit 2 ta’ Novembru 2012

Semghet ix-xhieda u il-kontro ezami ta’ **Ivan Bezzina** moghtija fl-4 ta’ Frar 2013.

Rat l-affidavit ta’ **Paul Libreri** ippresentat fis 17 ta’ Mejju 2013.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta’ Louis Farrugia moghtija fit 28 ta’ Gunju 2013 u fil 21 ta’ Ottubru 2013.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta’ Paul Libreri mogthija fil 21 ta’ Ottubru 2013.

Rat l-affidavit ta’ **David Casha** ippresentat fid 29 ta’ Novembru 2013.

Rat illi fid 29 ta’ Novembru 2013 l-intimat ippresenta eccezzjonijiet ulterjuri fejn sahaq illi t-talba ghal-bilanc tas-somma kienet preskritta kemm bil-periodu ta’ sentejn a tenur ta’ l-artikolu 2149(a) kif ukoll bil-periodu ta’ tmintax-il xahar ai termini tal-Artikolu 2148 (a), lkoll tal-Kap 16.

Semghet il-kontro ezami ta’ David Casha moghtija fl-14 ta’ Marzu 2014 u fid 9 ta’ Mejju 2014.

Rat illi fid 9 ta’ Mejju 2014 il-partijeit iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x’jippresentaw.

Semghet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet moghtija fit 23 ta’ Gunju 2014, wara liema data il-kawza geit differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi ippresentati quddiem dina l-Qorti jirrizulta illi l-partijiet kienu lkoll membri fil-AMACS Gun Club u kienu ltqaghu fis-sena 2002. Mument minnhom, fis-ena 2006, il-gvern tal-gurnata kien introduca ligi ghall-importazzjoni ta’ l-armi w il-partijiet, flimkien ma’ habib komuni taghhom, Paul Libreri, li kien membru tal-AMACS Gun Club ukoll, kienu ftehmu illi jaghmlu partnership bejniethom sabiex jimpurtaw l-armi.

Jirrizulta illi l-ftehim, illi ma sarx bil-miktub, kien fis-sens illi, apparti l-intimat joffri s-servizzi tal-hanut tieghu u tal-VAT number tieghu ghal bejgh ta’ l-armi filwaqt illi Paul Libreri kellu juza l-kuntatti tieghu, bhala Vici President tal-AMACS Gun Club, sabiex jimporta l-armi w il-munizzjoni. Ir-rikorrent Louis Farrugia kellu jaghti l-kontribuzzjoni finanzjarja. It-tlieta eventwalment kelllhom jaqsmu b’mod ugwali fil-profitti.

Bhala parti mill-arrangamenti biex tali partnership tibda ssehh, hellha tigi ottjenuta mill-intimat licenzja sabiex ikun jista jbiegh l-armi, u tali licenzja kiene tirrikjedi, fost affarjiet

ohra, illi tigi mibnija fil-hanut tieghu strong room tal-hadid sabiex ikun jista jigi mizmum l-armi u munizzjon fiha.

Jirrizulta illi, peress illi r-rikorrent bhala xoghol huwa haddied, il-bini ta' tali strong room kien thalla f'idejn ir-rikorrent u di fatti, qabel ma inharget il-licenzja tal-Pulizjija fit 3 ta' Jannar 2007, ir-rikorrent kien installa strong room fil-hanut tar-rikorrenti.

Il-partnership, wara l-hrug ta' tali licenzja, beda jiffunzjona w bdew jimportaw l-armi u l-muzzjoni flimkien. Madanakollu, il-joint venture ma kienetx qieghda taghmel qliegh u l-intimat beda jkollu problemi mar-rikorrent peress illi ir-rikorrent kien qieghed jinghata munizzjon u armi li kien ibiegh lill-terzi u l-import taghhom ma kienx qieghed jigi mghoddi lura lill-intimat illi kien hallas ghalihom originalment.

Eventwalment, il-problemi bejn ir-rikorrent u l-intimt iggravaw tant li l-intimat talab li l-partnership tigi xolta. Kien ghalhekk illi l-intimat talab illi s-sehem tieghu tigi likwidata u mhallasa. L-intimat irrediga kont illi fih huwa dahhal il-flejjes dovuti lilu ghall-armi u munizzjon mibjugha mir-rikorrent u accettati mill-istess rikorrent bhala dovuti lill-intimat kif ukoll armi u munizzjoni mibjugha personalment lir-rikorrent u naqqas minnha is-somma illi r-rikorrent kien sellfu ta' elf Liri Maltin. F'tali kontegg, l-intimat wasal ghal konkluzjoni illi s-somma dovuta lilu sabiex il-partnership tigi xolta kienet tammonta ghal erbghatax-il elf euro (€14,000).

Is-sitwazzjoni bejn l-intimat u ir-rikorrent kienet iddegerat tant illima kienux qed jitkellmu u kien Paul Libreri illi mmedja bejniethom sabiex eventwalment tali hlas isir. Di fatti, ir-rikorrent kien hareg cheque personali ta' erbghatax-il elf Euro fis 26 ta' Mejju 2009, liema cheque izda ma ssarrafx. Eventwalment, l-ghada illi ma ssarrafx, ir-rikorrent iddeposita l-istess somma fil-kont tal-partnership bl-intiza illi dana kellu jigi irtirat mill-intimat u l-kont maghluq. Hekk gara w il-partnership giet rizolta.

**Ikkunsidrat**

It-talba tar-rikorrent hija fuq zewgt binarji, ossija hlas ta' ammont ta' elfejn tlett mija u tlein rappresentanti self mghoddi lill-intimat mir-rikorrent u hlas ta' elf tmien mija u sebghin Euro rappresentanti l-valur tax-xoghol ta' Strong Room maghmulha mir-rikorrenti lill-intimat.

Mill-provi prodotti, hija ferm aktar veritjera il-verzjoni moghtija mill-intimat illi l-ammonti mitluba mir-rikorrent gew saldati bil-pagament ta' erbghatax-il elf Euro maghmulha mir-rikorrenti.

Dana qieghed jinghad peress illi, jirrizulta l-ewwel u qabel kollox, li x-xoghol ta' strong room sar bhala il-kontribuzzjoni tar-rikorrent lejn il-partnership illi l-partijiet kienu ghamlu flimkien ma' Paul Libreri, liema xoghol ta' bilfors sar fis-sena 2006 peress illi l-licenzja mahruga fit 3 ta' JAnnar 2007 ma kienetx tinhareg minghajr tali strong room installata.

Apparti minn hekk, jirrizulta illi kull parti ghamlet il-kontribuzzjoni taghha lejn il-partnership, liema partnership qatt ma giet redatta bil-miktub izda kien ftehim verbali bejn it-tlett partijiet filwaqt illi l-ispejjez kollha tal-partnership kienu qed jitnaqqsu mill-fond komun.

La darba il-partnership gie xolt, allura l-ispejjez kollha kellhom jitnaqqsu u kulhadd jiehu dak li ghandu jiehu.

Jirrizulta mix-xhieda ta' Paul Libreri, illi huwa xhud indipendenti illi ghex il-partnership u l-glied bejn ir-rikrorent u l-intimat, illi bil-hlas ta' erbghatax-il elf Euro mir-rikorrent lill-intimat, il-partnership kien qed jigi xolt u kwalsiasi pretensjoni illi kien hemm kien qieghed jigi rizolt.

Ghalhekk, la darba jirrizulta ben car illi l-installar ta' strong room kien htiega sabiex il-partnership tibda, u la darba tali installar sar da' parte tar-rikorrent, l-installar ta' tali strong room kien parti mill-kontribuzzjoni tar-rikorrent lejn il-partnership u, la darba il-partnership giet xolta, il-pretenzjoni tieghu wkoll giet xolta maghha.

Dwar is-self moghti mir-rikorrent lill-intimat, hija ferm aktar veritjera l-verzjoni moghtija mill-intimat illi huwa naqqas l-ammont dovut lir-rikorrent mill-ammont dovut lilu mir-rikorrent u eventwalment imhallas.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta u semghet ix-xhieda.

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici kollha.

Spejjez tal-proceduri kollha ghandhom ikunu a kariku tar-rikorrent.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------